**Biblical Association** (USA), **Catholic Biblical Association** (Ingilterra), **Society for Biblical Literature** (USA) u **l-International Society for Old Testament Studies.**

Il-frott ta' din il-ħidma jidher fix-xogħlijiet stampati f'sura ta' artikoli u kotba, f'Malta u barra minn Malta. (Cfr. Saydon: **List of publications by the Members of the Teaching Staff of the University,** Malta 1964, p. 22-26). Iżda l-ikbar xogħol tiegħu hi t-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti mit-testi oriġinali.

Mil-lista li semmejna jidher li Saydon ħadem fil-qasam tal-Bibbja u tal-Malti, u x-xogħol tiegħu meta jinġabar kollu flimkien, jibqa' jinħass għal ħafna snin. Min irid irawwen il-Malti fuq sisien sodi ma jistax igħaddi mingħajru, sew għal dak li hu studju Bibliku kemm għal dak li għandu x'jaqsam mal-Malti.

Tarxien 15/4/1971.

---

# IL-PROFESSUR TABONE

F'din is-sena ġarrabna wkoll il-mewt ta' wieħed mill-Membri Akkademiċi l-aktar għeżież, il-Professur Reverend Pawl Antonio Tabone.

Il-Professur Tabone kien wieħed mill-Membri Akkademiċi l-aktar anzjani — għal bosta snin kien Membru tal-Kunsill tal-Akkademja. Kien igħallem id-Dritt Kanoniku lill-istudenti tat-Teoloġija u tal-Liġi fl-Università Rjali ta' Malta, imma kellu wkoll ħafna inkarigi oħrajn fil-Kurja tal-Isqof u fl-Ordni tal-Minuri Osservanti, li għamel ħafna snin magħhom; iżda fuq kollox hu kellu ġibda għall-kitba.

Il-Professur Tabone kien awtur ta' studji bit-Taljan u bl-Ingliż imma ħadem bla heda, bil-kelma u bil-pinna, biex jara li l-ilsien Malti jieħu l-post li jistħoqqlu fil-ħajja soċjali u kulturali f'dawn il-Gżejjer tagħna. Tant hu hekk li hu magħdud bħala wieħed mill-aħjar kittieba tal-Malti.

Nittamaw li f'numru ieħor inġibu tagħrif itwal fuq il-Professur Tabone u l-kotba tiegħu.